



Brussell, 29 ta' Novembru 2019
(OR. en)

14652/19

Fajl Interistituzzjonali:
2019/0231(NLE)

SCH-EVAL 206
FRONT 340
COMIX 559

NOTA PUNT "I/A"

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Nru. dok. preċ.: 14651/19	
Suġġett:	Abbozz ta' Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill li tagħti rakkomandazzjoni dwar l-indirizzar tan-nuqqasijiet identifikati fl-evalwazzjoni tal-2018 dwar l-applikazzjoni tal-acquis ta' Schengen mill-Greċja fil-qasam tal- ġestjoni tal-fruntiera esterna tal-art mar-Repubblika tal-Maċedonja ta' Fuq u mal-Bulgarija

1. Wara l-adozzjoni mill-Kunsill tar-Regolament (UE) Nru 1053/2013 li jistabbilixxi mekkaniżmu ta' evalwazzjoni u monitoraġġ biex jivverifika l-applikazzjoni tal-acquis ta' Schengen, grupp ta' esperti mill-Istati Membri u mill-Kummissjoni fl-2018 wettaq evalwazzjoni tal-Greċja fir-rigward tal-applikazzjoni tal-acquis ta' Schengen fil-qasam tal-**ġestjoni tal-fruntiera esterna tal-art mar-Repubblika tal-Maċedonja ta' Fuq u mal-Bulgarija**.
2. F'konformità ma' dak ir-Regolament, il-Kummissjoni ppreżentat lill-Kunsill proposta għal Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill li tagħti Rakkomandazzjoni mfassla biex tindirizza n-nuqqasijiet identifikati matul l-evalwazzjoni u biex tiżgura li l-Greċja tapplika b'mod korrett u effettiv ir-regoli kollha ta' Schengen relatati mal-**ġestjoni tal-fruntiera esterna tal-art mar-Repubblika tal-Maċedonja ta' Fuq u mal-Bulgarija**.

3. Fis-27 ta' Novembru 2019 il-Grupp ta' Ħidma dwar Materji Relatati ma' Schengen (Evalwazzjoni), inkluż is-sħab tal-Kumitat Imħallat in-Norveġja, l-Iżlanda, l-Iżvizzera u l-Liechtenstein, approva l-proposta għad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill li tagħti Rakkomandazzjoni.
4. Għaldaqstant, il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti huwa mitlub jirrakkomanda li l-Kunsill jadotta l-abbozz ta' Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill, kif jinsab fid-dokument 14651/19, bħala punt "A" f'waħda mil-laqgħat li jmiss.
